# **STATUT** – Partit Laburista

**FRAR 2015**

**KONTENUT**

**KAP I**

ISEM TAL-PARTIT

**KAP II**

GHANIJIET U PRINCIPJI

**KAP III**

SHUBIJA

**KAP IV**
KOSTITUZZJONI TAL-PARTIT

**KAP V**

KONFERENZA GENERALI

**KAP IV**
EZEKUTTIV NAZZJONALI

**KAP VII**
MEXXEJ U DEPUTATI MEXXEJJA

**KAP VIII**
KUNGRESS TAL-PARTIT

**KAP IX**
AMMINISTRAZZJONI TAL-PARTIT

**KAP X**
IL-GRUPP PARLAMENTARI
*PARLAMENT MALTI*
*MEMBRI PARLAMENTARI EWROPEJ*

**KAP XI**
IS-SEZZJONI KUNSILLIERA

**KAP XII**
AMMINISTRAZZJONI DISTRETTWALI
*REGJUN TA' GHAWDEX*

**KAP XIII**
IL-KUMITATI LOKALI

**KAP XIV**
FERGHAT TAL-PARTIT
*FORUM KANDIDATI*
*NISA LABURISTI*
*FORUM ZGHAZAGH LABURISTI*
*GHAQDA VETERANI LABURISTI*

**KAP XV**
GHAZLA TA' KANDIDATI
*KANDIDATI GHALL-ELEZZJONI GENERALI*
*MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW*
*KUNSILLIERA LOKALI*

**KAP XVI**
GHAQDIET AFFILJATI

**KAP XVII**
RAPPREZENTANTI TAL-PARTIT BARRA MINN MALTA

**KAP XVIII**
REGOLAMENTI GHALL-ELEZZJONIJIET

**KAP XIX**
KODICI TA' ETIKA U DIXXIPLINA

**KAP XX**
FONDAZZJONI

**KAP XXI**
GENERALI

## KAP I

## ISEM TAL-PARTIT

1. L-isem ufficjali ta' dan il-partit politiku ghandu jkun - Partit Laburista.

2. L-emblema tal-Partit tkun it-Torca, fuq sfont tal-kuluri tal-Bandiera Maltija, bl-isem tal-Partit.

## KAP II

## GHANIJIET U PRINCIPJI

1. Il-Partit Laburista huwa organizzazzjoni politika li tigbor fiha persuni bi hsieb progressiv, imsejjes fuq principji socjalisti demokratici, li jahdem ghal socjeta` inklussiva li tipprovdi xoghol ghal kulhadd, issehh il-gustizzja socjali u li s-sahha tal-istess socjeta`, titkejjel mill-progress ta' dawk l-iktar dghajfa fost il-membri taghha.

2. Il-Partit Laburista jemmen fir-rispett shih tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif minquxa fil-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u li kull individwu u s-socjeta` jkollhom l-opportunitajiet indaqs u mehtiega fl-oqsma tax-xoghol u tal-edukazzjoni biex jirnexxu u jaghmlu success.

3. Il-Partit Laburista jemmen fil-htiega ta' ekonomija b'sahhitha li ssostni l-istat socjali bil-ghan li titwettaq il-gustizzja socjali.

4. Il-Partit Laburista jemmen f'Ewropa Socjali.

5. Il-Partit Laburista jemmen li ghandu jahdem ghall-paci, stabbilita` u kooperazzjoni fir-regjun tal-Mediterran u jemmen fil-hidma bejn il-popli biex ikun hemm avvanz tal-popli kollha madwar id-dinja.

6. Il-Partit Laburista jemmen bi shih fil-htiega tal-harsien tal-ambjent, tal-kultura u tal-patrimonju nazzjonali bhala mezzi ghall-kwalita` ta' hajja ahjar u b'rispett shih ghad-drittijiet tal-generazzjonijiet futuri.

7. Il-Partit Laburista jemmen f'demokrazija shiha u fit-tishih tal-kommunitajiet bhala mezz ghall-progress fis-socjeta`.

**KAP III**

**SHUBIJA**

1. Is-shubija fil-Partit Laburista hija miftuha ghal kull persuna li ghalqet l-età ta' sittax-il sena (16), minghajr distinzjoni ta' sess, orjentament sesswali taghha, twemmin religjuz, jew razza, u li taccetta l-ghanijiet u l-principji tieghu. Persuna msiehba fil-Partit Laburista ma tistax tkun f'xi partit, ghaqda jew organizzazzjoni politika, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, li thaddan principji differenti minn dawk tal-Partit Laburista.

2. Il-hlas ghas-shubija fil-Partit ikun jghodd ukoll ghas-shubija awtomatika fil-fergha/ ferghat relattiva/relattivi tal-Partit li jikkwalifika ghaliha l-membru kkoncernat.

3. L-ammont tal-hlas tas-shubija jigi deciz minn zmien ghal zmien mill-Ezekuttiv Nazzjonali.

4. L-Ezekuttiv Nazzjonali jista' jniedi skemi ta' shubija.

5. Is-shubija fil-Partit Laburista tinhadem fuq bazi ta' sena finanzjarja li tibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Dicembru ta' l-istess sena.

6. Applikazzjoni ghas-shubija fil-Partit ghandha ssir fuq formola preskritta mill-Partit.

7. L-applikazzjoni preskritta mill-Partit, ghandha tkun fiha nnifisha dikjarazzjoni li l-applikant ihaddan it-twemmin tal-Partit Laburista kif imfisser f'Artiklu 1 ta' dan il-Kap.

8. Kull applikazzjoni tista' tigi accettata jew michuda mill-Amministrazzjoni tal-Partit jew minn kummissjoni mahtura mill-Amministrazzjoni. L-Amministrazzjoni ghandha taghmel dak l-istharrig mehtieg biex tara jekk l-applikazzjoni ghandhiex tigi accettata jew rifjutata.

9. Kull membru mhallas tal-Partit ghandu d-dritt jikkontesta ghal kull kariga fil-Partit u jezercita kull dritt li jaghtih dan l-istatut suggett ghal dak kollu provdut fih.

10. Kull membru tal-Partit huwa suggett ghall-Kodici ta' Etika li jkun fis-sehh minn zmien ghal zmien.

11. Kull membru li jaghlaq sittax-il sena, izda ma jkollux aktar minn hamsa u tletin sena, ikun membru tal-Forum Zghazagh Laburisti.

12. Kull membru tas-sess femminili, irrispettivament mill-eta`, tkun membru ta' Nisa Laburisti.

13. Kull membru li jaghlaq sittin sena, ikun membru fl-Ghaqda Veterani Laburisti.

**KAP IV**

**KOSTITUZZJONI TAL-PARTIT**

1. Il-Partit ikun maghmul hekk:

    I. Il-Konferenza Generali;
    II. L-Ezekuttiv Nazzjonali;
    III. Mexxej u Deputati Mexxejja;
    IV. Kungress tal-Partit;
    V. Amministrazzjoni tal-Partit;
    VI. Grupp Parlamentari;
    VII. Sezzjoni Kunsilliera;
    VIII. Amministrazzjoni Distrettwali u Amministrazzjoni Regjonali;
    IX. Kumitati Lokali;
    X. Ferghat.

**KAP V**

**KONFERENZA GENERALI**

1. Il-Konferenza Generali hija l-oghla organu tal-Partit. Ghandha tiltaqa' tal-inqas darba fis-sena sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Gunju.

2. Il-Konferenza Generali ghandha tiltaqa' wkoll:

2.1 Fuq sejha tal-Ezekuttiv Nazzjonali ghal ragunijiet partikolari; jew

2.2 Meta jkun hemm talba bil-miktub ta' 30% + 1 tad-Delegati li titressaq lill-President tal-Partit; jew

2.3 Fuq talba tal-Mexxej tal-Partit; jew

2.4 Qabel kull Elezzjoni Generali biex jigi approvat il-progamm elettorali; jew

2.5 Ghal kull ghan iehor li jipprovdi dan l-istatut.

2.6 Meta Konferenza Generali tintalab b'petizzjoni kif provdut fl-Artiklu 2.2 ta' dan il-Kap, din ghandha titlaqqa', ghall-iskop indikat fil-petizzjoni, mhux aktar tard minn sittin (60) Gurnata mid-data li fih l-President tal-Partit jircievi l-petizzjoni.

3. Il-kworum tal-Konferenza Generali ghandu jkun ta' 30% + 1 minn numru tad-Delegati kollha tal-Konferenza.

3.1 Jekk il-kworum ma jintlahaqx sa nofs siegha wara l-hin stabbilit, ic-*Chairperson* ghandu jiddikjara l-Laqgha Generali sospiza sa avviz iehor, li jrid jigi ppubblikat mill-anqas jumejn qabel id-data tat-tieni laqgha.

3.2 F'kaz illi kworum ma jintlahaqx fl-ewwel seduta, ghandha ssir it-tieni laqgha bl-istess Agenda, sa zmien gimgha mill-ewwel laqgha. F'dan il-kaz, il-Konferenza Generali titqies li tlaqqa' validament u tipprocedi bix-xoghol taghha jkunu xi jkun in-numru ta' tad-delegati prezenti.

4. Il-Konferenza Generali tkun maghmula mid-delegati mahtura kif gej:

4.1 Mexxej, Deputati Mexxejja, Ufficjali fl-Amministrazzjoni tal-Partit, Ufficjali tal-Ezekuttiv u membri ordinarji fl-Ezekuttiv Nazzjonali;

4.2 Id-Delegati lokali jkunu mahtura mill-membri tal-Partit f'dak il-lokal u dan skont l-iskeda illi tidher hawn taht:

| **MEMBRI** | | **DELEGATI** |
|---|---|---|
| Minn | Sa | |
| 0 | 24 | 0 |
| 25 | 50 | 3 |
| 51 | 150 | 3 |
| 151 | 250 | 1 |
| 251 | 350 | 1 |
| 351 | 500 | 1 |
| 501 | 650 | 1 |
| 651 | 800 | 1 |
| 801 | 950 | 1 |
| 951 | 1100 | 1 |
| 1101 | 1250 | 1 |
| 1251 | 1400 | 1 |
| 1401 | 1550 | 1 |
| 1551 | 1700 | 1 |
| 1701 | 1850 | 1 |
| 1851 | 2000 | 1 |
| 2001 | l'fuq | 1 |

4.2 Delegati Distrettwali:
It-tliet ufficjali (3) fl-Amministrazzjoni Distrettwali kif definiti f'KAP XII Artiklu 1, u disgha u tletin (39) Delegat ghall-Konferenza. Dawn ghandhom jigu nnominati mill-Kumitati ta' Amministrazzjoni Distrettwali, suggett ghall-approvazzjoni ta' l-Ezekuttiv Nazzjonali, u ghandhom ikunu persuni li ma kienux delegati tal-Konferenza fit-tliet snin precedenti. Dawn jigu kkonfermati waqt il-Laqgha Generali Annwali tad-Distrett.

4.3 Delegati Regjonali:
Il-hames (5) ufficjali tal-Amministrazzjoni Regjonali ghal Ghawdex.

4.4 Sezzjoni Kunsilliera:
Delegat wiehed ghal kull Kunsill Lokali.

4.5 Grupp Parlamentari:
Il-membri kollha tal-Grupp Parlamentari nkluz il-Membri Parlamentari Ewropej.

4.6 Ferghat:
Hmistax (15)-il delegat ghal kull Fergha li jattendu u jiehdu sehem f'kull Konferenza Generali u li dawn biss ikollhom dritt ghall-vot.

4.7 Fondazzjoni:
Tnejn u ghoxrin (22) delegat.

4.8 Rapprezentanti tal-Partit barra minn Malta:
Delegat (1) ghal kull Kumitat tal-Partit barra minn Malta rikonoxxut mill-Ezekuttiv Nazzjonali u liema delegat irid ikun elett mill-Kumitat innifsu.

4.9 Ghaqdiet Affiljati:
Mhux aktar minn tliet (3) delegati ghal kull wahda minn dawk l-ghaqdiet li l-Ezekuttiv Nazzjonali jaghzilhom bhala ghaqdiet affiljati skont KAPXVI.

4.10 Delegati Onorarji:
Il-Konferenza Generali b'rizoluzzjoni specjali tista' ghar-ragunijiet eccezzjonali tiddikjara delegati prezenti jew passati bhala delegati onorarji.

4.11 Kull kandidat nominat mill-Ezekuttiv Nazzjonali jitqies bhala delegat f'kull Konferenza Generali ghall-approvazzjoni tal-Programm Elettorali ghall-Elezzjoni Generali.

5. Il-Konferenza Generali titmexxa mill-President tal-Partit, li ghall-finijiet tal-Konferenza jissejjah *Chairperson*, izda fil-kaz ta' elezzjoni ghall-hatra tal-President tal-Partit, jew jekk ikun deciz mod iehor mill-Ezekuttiv Nazzjonali, jinhatar *Chairperson ad hoc* mill-Konferenza, biex imexxi l-Konferenza.

5.1 Ic-*Chairperson* ma jistax jivvota fuq ebda mozzjoni izda jkollu *casting vote*.
Ic-*Chairperson* ikollu vot fil-kaz ta' elezzjonijiet ghall-hatriet biss.

6. Fil-Konferenza Generali Annwali jinhatru:-

6.1 Kull sena Membri ordinarji ghall-Ezekuttiv Nazzjonali;

6.2 Kull sentejn tahtar President, Vici-President, Segretarju Internazzjonali u Segretarju Organizzattiv.

6.3 Kull sena kumpanija tal-Awdituri biex isservi ta' awditur tal-finanzi tal-Partit.

6.4 Wara kull elezzjoni generali, fi zmien sitt xhur, sakemm il-Konferenza Annwali ma tissejjahx qabel, ghandha tissejjah Konferenza Generali biex tahtar l-ufficjali tal-amministrazzjoni hawn fuq imsemmija kif ukoll il-Membri Ordinarji tal-Ezekuttiv Nazzjonali.

7. Il-President, is-Segretarju Internazzjonali, is-Segretarju Organizzattiv, is-Segretarju tal-Grupp Parlamentari, ir-Rapprezentant Kunsilliera u c-*Chairperson* tal-Fondazzjoni ghandhom iressqu Rapport ta' Hidma kull sena lill-Konferenza Generali.

8. F'kull Konferenza Generali, wara li jitressqu r-Rapporti ta' Hidma, kull Delegat jista' jitlob spjegazzjoni ta' agir minn kull membru tal-Partit li jokkupa kariga politika pubblika, jew li jokkupa kariga fl-istruttura tal-Partit sakemm jindika t-talba ghal spjegazzjoni lill-Ezekuttiv Nazzjonali minn qabel.

9. Il-Partit ghandu jiehu kull mizura biex jilhaq il-mira li kull sess ikollu erbghin fil-mija (40%) rapprezentanza fil-Konferenza Generali u dan skont ir-regolamenti dwar elezzjonijiet.

10. L-Istatut tal-Partit ghandu jigi emendat b'mozzjoni ta' emenda li tigi approvata minn hamsin fil-mija u wiehed (50%) + 1 tal-voti validi.

**KAP VI**

**EZEKUTTIV NAZZJONALI**

1. L-Ezekuttiv Nazzjonali jkun maghmul kif gej:

   I. Mexxej
   II. Deputati Mexxejja;
   III. Amministrazzjoni tal-Partit;
   IV. Ufficjali tal-Ezekuttiv;
   V. Kordinaturi Distrettwali u Kordinatur Regjonali;
   VI. Sitt (6) membri mill-Grupp Parlamentari minbarra s-Segretarju tal-Grupp Parlamentari;
   VII. Zewg (2) membri minn kull Fergha; u
   VIII. Tnax-il (12) membru ordinarju elett direttament mill-Konferenza Generali li tal-inqas erbgha (4) minnhom ikunu nisa u tnejn (2) ikunu zghazagh.

2. L-Ezekuttiv Nazzjonali jkun responsabbli:

   a) mit-tmexxija tal-Partit bejn Konferenza Generali u ohra;
   b) mit-tfassil ta' strategija ghall-Partit, kollu kemm hu;
   c) li jizvilluppa u jmantni partit attiv f'Malta;
   d) flimkien mad-Deputati tal-Partit Laburista, ir-rapprezentanti tal-Partit Laburista fil-Parlament Ewropew u l-Kunsilliera Lokali biex jassigura l-implimentazzjoni tal-ghanijiet u l-principji tal-Partit.

3. L-Ezekuttiv Nazzjonali fost l-ohrajn ghandu dawn id-dmirijiet:

3.1 Jiehu inizjattivi b'mod attiv fl-izvilupp tal-politika tal-Partit;

3.2 Jiehu kull decizjoni mehtiega fit-tmexxija u ghad-direzzjoni generali tal-Partit;

3.3 Jiehu kull pass ghat-twettiq tal-politika generali tal-Partit;

3.4 Ifassal u jwettaq hidma ghas-sostenn tal-appogg popolari ghall-Partit;

3.5 Iseddaq kooperazzjoni u djalogu attiv bejn l-organi kollha fil-Partit;

3.6 Jassigura koordinazzjoni fil-hidma tal-Partit u sostenn finanzjarju adegwat;

3.7 Jiltaqa' darba fis-sena mal-awdituri mahtura mill-Konferenza Generali;

3.8 Jipprovdi ghal regolamenti ghat-thaddim ahjar tal-istrutturi tal-Partit;

3.9 Jiehu l-passi kollha biex il-partit ikun rapprezentat bl-ahjar kandidati fl-Elezzjonijiet Generali, Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali;

3.10 Ifassal il-programmi elettorali ghall-elezzjonijiet kollha li jikkontesta l-Partit u japprova l-programm elettorali ghall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali kif ukoll dawk tal-Elezzjonijiet ghall-Parlament Ewropew;

3.11 Jiffissa l-procedura tad-diskussjoni matul il-Kungress;

3.12 Flimkien mal-amministrazzjoni huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tal-Kodici ta’ Etika u Dixxiplina.

4. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jaghmel l-Agenda ghal-laqghat tal-Konferenza Generali u tal-Kungress tal-Partit hlief fil-kaz meta l-Konferenza Generali tissejjah wara petizzjoni mid-delegati jew tissejjah mill-Mexxej.

4.1 Fit-thejjija tal-Agenda, l-Ezekuttiv ghandu jiddiskuti l-mozzjonijiet li jistghu jitressqu ghad-diskussjoni fil-Konferenza Generali, inkluz mal-proponent u s-sekondant.

5. L-Ezekuttiv Nazzjonali jista’ jissospendi minn kull kariga kull membru tal-Ezekuttiv Nazzjonali f’kaz ta’ ksur tal-Kodici ta’ Etika.

6. Membri tal-Grupp Parlamentari ghandhom id-dritt li jattendu ghal-laqghat tal-Ezekuttiv u jistghu jippartecipaw fid-diskussjonijiet izda minghajr id-dritt tal-vot sakemm ma tkunx laqgha tal-Ezekuttiv u tal-Grupp Parlamentari kongunti.

7. Il-kworum tal-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jkun ta’ tletin fil-mija u wiehed (30% + 1). Jekk sa nofs siegha wara l-hin mgharraf ma jkunx hemm Kworum, il-laqgha ssir bin-numru ta’ membri prezenti jekk il-President jew fl-assenza tieghu l-Vici President ikun tal-fehma li ghandha ssir.

8. Membru li jonqos ghal tliet (3) seduti konsekuttivi minghajr gustifikazzjoni jitlef postu mill-Ezekuttiv Nazzjonali.

9. L-Agenda ghal-laqghat tal-Ezekuttiv Nazzjonali ssir mis-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali, bi ftehim mal-Mexxej jew mal-President. L-Agenda ghandha tigi mqassma lill-membri mill-inqas tmienja u erbghin siegha (48) qabel il-laqgha. B’danakollu, laqghat b’urgenza jistghu jissejhu minghajr ma jkun hemm dan l-avviz, meta dawn jigu msejha mill-Mexxej u jew mill-President.

10. Ghandha tissejjah laqgha tal-Ezekuttiv Nazzjonali fuq talba tal-Mexxej, tal-President jew ta’ hames (5) Membri tal-Grupp Parlamentari fic-cirkostanzi msemmija fl-Artiklu 10 U 12 ta’ Kap X jew b’talba ta’ tletin fil-mija (30%) tal-membri tal-Ezekuttiv li jressqu talba lill-President tal-Partit.

11. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jiltaqa’ mill-inqas tnax-il darba fis-sena imma m’ghandux ikun hemm perjodu ta’ sitt gimghat bejn laqgha u ohra.

12. Il-Mexxej wahdu wara li jinforma l-President, jista’ jsejjah laqgha tal-Ezekuttiv Nazzjonali mal-Grupp Parlamentari.

13. L-ewwel laqgha tal-Ezekuttiv Nazzjonali wara l-Elezzjoni Generali ghandha titlaqqa’ konguntivament mal-Grupp Parlamentari.

14. L-Ezekuttiv Nazzjonali flimkien mal-Grupp Parlamentari jiddeciedi permezz ta’ vot sigriet dwar liema distrett ghandu jigi vakati f’kaz li membru parlamentari jkun elett minn zewg distretti.

15. Kull sentejn, l-Ezekuttiv Nazzjonali, wara l-Konferenza Generali, ghandha jitlaqqa’ biex, fost hwejjeg ohra, jahtar Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali. L-elezzjoni issir permezz ta’ vot sigriet li jittiehed mill-membri tal-Ezekuttiv Nazzjonali prezenti ghal din il-laqgha. Membri tal-Grupp Parlamentari ma jistghux jigu kkunsidrati ghal din il-kariga.

Is-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali jwettaq dawn il-funzjonijiet:

I. Ikun is-Segretarju tal-Konferenza Generali, tal-Ezekuttiv Nazzjonali, tal-Amministrazzjoni u jkun responsabbli ghall-minuti u l-korrispondenza taghhom;
II. Jassisti fl-organizzazzjoni tal-Konferenza Generali u tal-Kungress Nazzjonali;
III. Jassisti lill-Mexxej, Deputati Mexxejja u President tal-Partit kif ikun minnhom mitlub;
IV. Iwettaq kull hidma ohra li tista' tigi lilu mitluba mill-Amministrazzjoni jew mill-Ezekuttiv Nazzjonali.

16. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jahtar Amministratur Finanzjarju li jkun responsabbli mit-tmexxija tal-finanzi tal-Partit. L-Amministratur Finanzjarju jinhatar ghal perjodu ta' sentejn. Il-hatra ta' dan l-ufficjal issir permezz ta' proposti mill-Amministrazzjoni tal-Partit lill-Ezekuttiv Nazzjonali. Membri tal-Grupp Parlamentari ma jistghux jigu nominati ghal din il-kariga.

17. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jahtar *Chairperson* ghall-Fondazzjoni ghal perjodu ta' sentejn li jkun responsabbli mit-tmexxija tal-Fondazzjoni u li jkollu d-dmir li jhejji rapport dwar il-hidma tal-Fondazzjoni lill-Konferenza Generali Annwali. Huwa jkun membru fl-Amministrazzjoni tal-Partit. Il-hatra ssir fl-ewwel laqgha wara l-Konferenza Generali Annwali f'gheluq is-sentejn mill-hatra tac-*Chairperson* tal-Fondazzjoni. Membri tal-Grupp Parlamentari u tal-Forum Kandidati ma jistghux jigu nominati ghal din il-kariga.

18. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jahtar Kap tal-Ufficcju Elettorali. Il-Kap tal-Ufficcju Elettorali jinhatar ghal sentejn wara kull Elezzjoni Generali. Membri tal-Grupp Parlamentari u Sezzjoni Kunsilliera ma jistghux jokkupaw din il-kariga.

19. L-Ezekuttiv Nazzjonali wara l-Konferenza Generali Annwali, kull sentejn jahtar dawn l-ufficjali tal-Ezekuttiv Nazzjonali minn fost il-membri tal-Partit u liema ufficjali jigu nominati mill-Amministrazzjoni Nazzjonali:

I. Ufficjal Kordinament Kumitati – li ghandu jwettaq ix-xoghol kollu mehtieg biex il-hidma tal-kumitati lokali tkun kordinata fil-qafas tal-hidma ppjanata mill-partit, jassisti lill-kumitati jwettqu l-hidma minnhom mitluba u jara li l-kumitati jilhqu l-miri imfassla. Dan l-ufficjal iwettaq il-hidma tieghu b'koordinazzjoni mal-President tal-Partit u d-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit.

II. Ufficjal Opportunitajiet Indaqs – li jkun responsabbli minn inizjattivi li ghandhom jigu indirizzati u implimentati strategiji kontra kull forma ta' diskriminazzjoni u eskluzjoni socjali.

20. Fl-ewwel laqgha tal-Ezekuttiv Nazzjonali, wara l-hatra tal-Ufficjali tal-Amministrazzjoni u l-Ufficjali mahtura mill-Ezekuttiv Nazzjonali, is-Segretarju Internazzjonali u s-Segretarju Organizzattiv ghandhom jahtru l-assistenti taghhom. Fuq proposta tal-istess ufficjali, l-assistenti ghandhom ikunu minn fost il-membri tal-Ezekuttiv.

21. Wara elezzjoni generali, l-ufficjali mahtura mill-Ezekuttiv Nazzjonali ghandhom jigu mahtura fl-ewwel laqgha wara l-Konferenza Generali msejha biex tahtar l-Ufficcjali tal-Amministrazzjoni.

22. L-Ufficjali tal-Ezekuttiv Nazzjonali ghandhom ikunu membri tal-Partit.

23. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jaghzel ic-*Chairperson* u d-Diretturi tal-kumpaniji tal-Partit.

24. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jahtar Kummissjoni li tikkonsisti mid-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit, il-President tal-Partit, u zewg membri ohra li jinhatru mill-Ezekuttiv Nazzjonali kull sena, li flimkien mal-Kumitati Lokali jirrakomandaw lill-Amministrazzjoni tal-Partit l-ahjar uzu tal-propjeta tal-Partit. Id-decizjoni finali tkun ta' l-Amministrazzjoni u tkun kommunikata bil-miktub.

**KAP VII**

**MEXXEJ U DEPUTATI MEXXEJJA**

1. Il-Partit Laburista ghandu jahtar Mexxej, Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Parlament u Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit.

2. Il-Mexxej huwa l-Kap tal-Partit kif ukoll ic-*Chairperson* tal-Grupp Parlamentari.

3. Il-Mexxej tal-Partit iservi bhala Prim Ministru meta l-Partit qed imexxi l-Gvern u Kap tal-Oppozizzjoni meta l-Partit ikun fl-Oppozizzjoni.

4. Il-Mexxej tal-Partit jaghti d-direzzjoni generali u politika lill-organi kollha tal-Partit. Hu responsabbli ghad-direzzjoni tal-Grupp Parlamentari fil-hidma tieghu fil-Parlament.

5. Id-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Parlament iservi ta' Deputat Prim Ministru meta l-Partit ikun fil-Gvern u Deputat Kap tal-Oppozizzjoni meta l-Partit ikun fl-Oppozizzjoni. Huwa jiehu l-kariga u jkun responsabbli mill-istess xoghol u responsabbilitajiet ta' Mexxej meta dan ikun assenti minn Malta jew ma jkunx f'pozizzjoni li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tieghu.

6. Id-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit fost ohrajn:

    i) Imexxi u jikkordina l-hidma tal-Amministrazzjoni u l-Ferghat tal-Parti, tal-Kumitati Lokali u l-Amministrazzjonijiet Distrettwali;
    ii) Izomm kuntatt kontinwu mal-Kumitati Lokali kollha u oqsma ohra tal-Partit bil-ghan li jghinhom kemm jista' fil-problemi li jinqalghu u jara li l-ilmenti taghhom jigu rizolti fi zmien qasir;
    iii) Jikkordina l-hidma tas-Sezzjoni Kunsilliera.

    Id-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit ghandu d-dritt li jiehu sehem fil-laqghat tal-Grupp Parlamentari.

7. Kull membru tal-Partit hu eligibbli biex jikkontesta ghall-kariga ta' Mexxej.

8. Il-membri parlamentari biss huma eligibbli biex jikkontestaw ghall-kariga ta' Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Parlament. F'kaz li d-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Parlament ma jibqax membru Parlamentari, ma jibqax iservi ta' Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Parlament.

9. Kull membru huwa eligibbli biex jikkontesta ghall-kariga ta' Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit izda ebda membru tal-Grupp Parlamentari ma jista' jitfa' n-nomina tieghu ghal din il-kariga.

10. Id-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit ma jistax jikkontesta ghall-Elezzjoni Generali jew ghall-Elezzjoni tal-Parlament Ewropew sakemm ma jkunx irrezenja sa sentejn qabel dik l-elezzjoni.

11. Il-Mexxej jinhatar wara kull Elezzjoni Generali mill-Kungress tal-Partit kif imfisser fil-Kapitolu KAP VIII u KAP XVIII.

12. Fil-kaz ta' konferma tal-Mexxej wara Elezzjoni Generali, il-votazzjoni ssehh mill-Konferenza Generali kif imfisser f'KAP XVIII.

13. Ghandha tigi msejha Konferenza Generali fuq talba:

    i. Tad-Delegati skont Artikolu 2.2 tal-Kap V;
    ii. Tal-Ezekuttiv Nazzjonali; jew
    iii Tal-Grupp Parlamentari

biex tiddiskuti l-hidma tal-Mexxej tal-Partit u jittiehed vot dwar l-istess hidma.

14. Id-Deputati Mexxejja jinhatru, jiggeddu jew jinbidlu mill-Konferenza Generali wara kull Elezzjoni Generali.

15. F'kaz ta' konferma tad-Deputati Mexxejja wara Elezzjoni Generali, il-votazzjoni ssehh mill-Konferenza Generali kif imfisser f'KAP XVIII.

16. Ghandha tigi msejha Konferenza Generali fuq talba:

   i. Tad-Delegati skont Artikolu 2.2 tal-Kap V;
   ii. Tal-Ezekuttiv Nazzjonali; jew;
   iii. Tal-Grupp Parlamentari

   biex tiddiskuti l-hidma tad-Deputati Mexxejja u jittiehed vot dwar l-istess hidma.

**KAP VIII**

**KUNGRESS TAL-PARTIT**

1. Il-Kungress tal-Partit ikun maghmul minn dawn li gejjin:

   I. Delegati tal-Konferenza Generali;
   II. Ufficjali u Membri tal-Kumitati;
   III. Sezzjoni Kunsilliera;
   IV. Forum Kandidati;
   V. Membri tal-Partit li jkunu ilhom mill-inqas hames snin regolari fil-hlas.

2. Il-Kungress tal-Partit ghandu jiltaqa' qabel l-Elezzjoni Generali biex jiddiskuti linji gwida tal-politika tal-Partit.

3. Jeleggi l-Mexxej tal-Partit skont ir-regolamenti fil-KAP XVIII.

4. Il-kungress ma jehtieg kworum biex jiltaqa'.

5. Il-President tal-Partit iservi ta' *Chairperson* tal-Kungress.

6. L-Ezekuttiv Nazzjonali jista' jsejjah laqgha tal-Kungress tal-Partit ghal xi raguni li l-istess Ezekuttiv Nazzjonali jidhirlu li hija mehtiega.

7. Il-Kungress tal-Partit jigi regolat skont l-*istanding orders* tal-Partit.

**KAP IX**

**AMMINISTRAZZJONI TAL-PARTIT**

1. L-Amministrazzjoni tal-Partit ghandha tkun komposta mill-:

   I. Mexxej
   II. Deputati Mexxejja
   III. President
   IV. Vici President
   V. Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali
   VI. Segretarju Internazzjonali
   VII. Segretarju Organizzattiv
   VIII. *Chairperson* Fondazzjoni
   IX. Segretarju Grupp Parlamentari
   X. President Sezzjoni Kunsilliera

2. L-Amministrazzjoni tal-Partit fil-hidma taghha hija responsabbli lejn l-Ezekuttiv Nazzjonali.

3. Id-dmirijiet tal-Amministrazzjoni tal-Partit, fost l-ohrajn, huma dawn li gejjin:

   3.1 Tkun responsabbli mill-amministrazzjoni u l-kordinazzjoni generali tal-Partit;
   3.2 Tesegwixxi d-decizjonijiet mehuda mill-Ezekuttiv Nazzjonali;
   3.3 Taghmel suggerimenti u rakkomandazzjonijiet lill-Ezekuttiv Nazzjonali dwar:-

      a) fatti u sitwazzjonijiet li jista' jkollhom effetti fuq it-tkabbir tal-appogg popolari tal-Partit;
      b) hidmiet godda;
      c) hidma generali tal-Partit.

4. Tkun responsabbli mir-relazzjonijiet barranin tal-Partit kemm fuq livell bilaterali kif ukoll fir-rigward ta' organizzazzjonjiet internazzjonali li fihom ikun imsieheb il-Partit.

5. Torganizza l-kampanji elettorali fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, ghall-Parlament Ewropew u l-Elezzjoni Generali;

6. Tghin fl-ghazla tal-agenti elettorali tal-kandidati fl-elezzjonijet imsemmija fl-artiklu precedenti.

7. Flimkien mal-Ezekuttiv Nazzjonali tkun responsabbli mill-osservanza tal-Kodici ta' Etika u Dixxiplina u dan billi l-Amministrazzjoni tista' tiehu dawk il-passi kollha necessarji biex tizgura d-dixxiplina fl-istrutturi kollha tal-Partit skont l-istess Kodici.

8. Taqdi kwalunkwe' dmir li jigi moghti lilha mill-Ezekuttiv Nazzjonali.

9. Dmirijiet tal-Ufficjali tal-Amministrazzjoni :

9.1(a) Id-dmirijiet tal-President huma:

   i. Jippresjedi l-laqghat tal-Amministrazzjoni u tal-Ezekuttiv Nazzjonali;
   ii. Jara li l-Istatut tal-Partit jigi osservat u applikat mill-organi u mill-ferghat tal-Partit;
   iii. Izomm registru tad-decizjonijiet li jinghataw dwar l-interpretazzjoni tal-Istatut liema decizjonijiet joholqu precedent li jorbot. Dawn id-decizjonijiet ghandhom ikunu komunikati lill-istruttruri tal-Partit koncernati;
   iv. Jaghti rendikont ta' hidma, f'isem l-Amministrazzjoni tal-Partit, lill-Ezekuttiv Nazzjonali u f'isem l-Ezekuttiv Nazzjonali lill-Konferenza Generali Annwali;

v. Iressaq ir-rapport finanzjarju fil-Konferenza Generali Annwali, imhejji mill-Amministratur Finanzjarju;

vi. Li flimkien mad-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit, ghandu d-dmir li jara li jittiehdu l-passi kollha mehtiega u li jigu attwati d-decizjonijiet tal-Amminstrazzjoni, l-Ezekuttiv Nazzjonali u tal-Konferenza Generali u l-istrutturi tal-Partit;

vii. Li jaqdi dawk id-dmirijiet l-ohra msemmija f'dan l-istatut u li jistghu jigu delegati lilu mill-Mexxej, Deputati Mexxejja, Amministrazzjoni u Ezekuttiv Nazzjonali.

9.1(b) Il-President meta jkun qieghed jippresjedi l-laqgha tal-Amministrazzjoni, jista' jaghti l-vot originali fuq kull suggett li jkun gie ghal votazzjoni, u fil-kaz fejn il-voti jigu ndaqs jista' jaghti l-*casting vote* anki jekk ikun ezercita l-vot originali.

9.2 Il-Vici President ikun responsabbli mid-dmirijiet tal-President meta dan ikun assenti jew indispost.

9.3 Id-dmirijiet tas-Segretarju Internazzjonali jkunu dawn l-gejjin:

9.3.1 Li jkun responsabbli mir-relazzjonijiet barranin tal-Partit kemm fuq livell bilaterali kif ukoll fir-rigward ta' Organizzazzjonijiet Internazzjonali li fihom ikun imsieheb il-Partit.

9.3.2 Li jikkordina Segretarjat Internazzjonali ghar-ricerka u aggornament fir-relazzjonijiet internazzjonali, Ewropej u Mediterranji.

9.3.3 Li jressaq Rapport ta' Hidma mwettaq fil-qasam internazzjonali lill-Konferenza Generali.

9.4 Id-dmirijiet tas-Segretarju Organizzattiv huma:

9.4.1 Li jiehu dawk il-passi kollha mehtiega fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet popolari organizzati mill-Partit u dan skont dawk l-istruzzjonijiet li jinghatawlu minn zmien ghall-zmien mill-Mexxej, Deputati Mexxejja, Amministrazzjoni jew Ezekuttiv Nazzjonali tal-Partit.

9.4.2 Li jressaq Rapport ta' Hidma lill-Konferenza Generali kull sena.

**KAP X**

**IL-GRUPP PARLAMENTARI**

**i - Parlament Malti**

1. Kull min jigi elett fil-Parlament f'isem il-Partit isir awtomatikament Membru tal-Grupp Parlamentari sakemm:
1.1 ma jergax ikun elett fl-elezzjoni; jew
1.2 ma jigix imkecci mill-Grupp b'decizjoni tal-Grupp Parlamentari u tal-Ezekuttiv Nazzjonali f'laqgha msejha apposta.

2. Il-Grupp, darba fis-sena, jahtar minn fost il-Membri tieghu Segretarju tal-Grupp li dan ikun il-*Whip*, Assistent tieghu, Kaxxier u Assistent Kaxxier.

3. Il-Grupp ghandu jaghzel sitta minn fost il-Membri tieghu biex ikunu Membri Ordinarji tal-Ezekuttiv Nazzjonali:

3.1 Huwa d-dmir tal-Membri l-ohrajn kollha li jattendu l-laqghat tal-Ezekuttiv Nazzjonali u li jiehdu parti fid-diskussjonijiet;

3.2 Il-votazzjoni ghas-sitt Membri ghall-Ezekuttiv Nazzjonali u s-Segretarju tal-Grupp issir b'votazzjoni sigrieta.

4. Il-Grupp Parlamentari ghandu jiltaqa' skont il-htiega.

5. Id-decizjonijiet ghandhom jittiehdu b'maggoranza semplici.

6. Il-Mexxej, bhala *Chairperson* tal-Grupp Parlamentari, ghandu d-dritt li jivvota u jkollu l-*casting vote* f'kaz ta' voti indaqs.

7. Id-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit u l-President ghandu l-jedd li jattendi ghal-laqghat tal-Grupp Parlamentari u jippartecipa fid-diskussjonijiet, pero` m'ghandux il-jedd ghall-vot f'dan il-Grupp. Il-Grupp jista' jistieden ghal-laqghat tieghu, ufficjali ohra tal-Partit u/jew persuni ohra bhala osservaturi jew biex jassistuh fil-hidma tieghu.

8. Dawn il-laqghat jigu msejha b'arrangament bejn il-Mexxej u l-*Whip*.

9. Il-Membri Parlamentari ghandhom jaghmlu l-kontribuzzjoni ta' kull xahar ghall-fondi tal-Partit skont kif jiddeciedi l-Ezekuttiv Nazzjonali. Fil-kontribuzzjoni jkun inkluz il-hlas tas-shubija fil-Partit.

10. F'kaz ta' differenzi serji, il-kwistjoni tigi mressqa quddiem l-Ezekuttiv Nazzjonali bi dritt ghall-appell lill-Konferenza Generali. Jekk ma jkunx hemm zmien bizzejjed biex issir dan, il-Membri kollha jridu jivvotaw skont kif jaqta' l-Mexxej u l-kwistjoni tigi mistharga wara.

11. Meta fil-Parlament jinqalghu kwistjonijiet li jitolbu decizjonijiet fil-mument, il-Membri tal-Parlament ghandhom joqoghdu ghad-decizjonijiet li jaghti l-Mexxej u fl-assenza tieghu d-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Parlament.

12. Il-Membri tal-Parlament li ma jaqblux mad-decizjonijiet tal-Mexxej jistghu jressqu l-kwistjoni quddiem l-Ezekuttiv Nazzjonali biex dan jiehu l-passi mehtiega.

13. Il-Mexxej fi kwistjonijiet li jiddeciedi li ma jkunux ta' principji, jista' jaghti vot liberu.

14. Il-*Whip* huwa obbligat jirraporta lill-Ezekuttiv Nazzjonali kull ksur jew nuqqas ta' dixxiplina mill-Membri Parlamentari sabiex dan l-Ezekuttiv Nazzjonali jkun jista' jiehu l-passi mehtiega.

**ii - Membri Parlamentari Ewropej**

1. Fil-kaz tal-Membri Parlamentari Ewropej, l-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jahtar wiehed mid-Deputati eletti sabiex jagixxi bhala Kap tad-Delegazzjoni Laburista fil-Parlament Ewropew.

2. Kull Membru Parlamentari Laburista ghall-Parlament Ewropew ghandu:

2.1 Jifforma parti mid-delegazzjoni Laburista fil-Parlament Ewropew li taghmel parti mill-Grupp Socjalista;

2.2 Izomm kuntatt regolari mal-Amministrazzjoni tal-Partit fil-qadi ta' dmirijietu u jattendi ghal-Laqgha ta' Kordinament mal-Amministrazzjoni li ghandha ssir darba fix-xahar u jithejja Rapport ta' Hidma kull tliet xhur li jigi mghoddi lill-Ezekuttiv Nazzjonali;

2.3 Jassisti lill-Partit f'dak kollu mitlub minnu;

2.4 Jippartecipa fil-Parlament Ewropew mal-Grupp Socjalista fuq il-linji tal-Program Elettorali tal-Partit Laburista approvat ghal dan il-ghan;

2.5 Ikollu dritt li jattendi l-laqghat tal-Ezekuttiv Nazzjonali u jkun bla vot, izda jkollu l-vot f'kaz ta' l aqgha tal-Grupp Parlamentari u l-Ezekuttiv Nazzjonali kongunta;

2.6 Izomm kuntatt mal-Kumitati Lokali u dawk Distrettwali jew Ferghat ohra tal-Partit;

2.7 Il-Membri Parlamentari Ewropej ghandhom jaghmlu l-kontribuzzjoni ta' kull xahar ghall-fondi tal-Partit skont kif jiddeciedi l-Ezekuttiv Nazzjonali. Fil-kontribuzzjoni jkun inkluz il-hlas tas-shubija fil-Partit.

**KAP XI**

**IS-SEZZJONI KUNSILLIERA**

1. Kull Kunsillier elett f'isem il-Partit Laburista huwa membru ta' din is-Sezzjoni.

2. Il-membri ta' din is-Sezzjoni ghandhom kull sentejn jeleggu erba' (4) ufficjali u hames membri li bejniethom jiffurmaw il-Kumitat Ezekuttiv tas-Sezzjoni Kunsilliera wara kull elezzjoni tal-kunsilli lokali. L-elezzjoni m'ghandiex issir aktar tard mill-ahhar ta' Frar. F'kaz ta' elezzjonijiet prospettivi tal-Kunsilli Lokali, l-elezzjoni tigi posposta u ssir mhux aktar tard minn xahrejn wara l-istess elezzjonijiet.

3. L-ufficjali tas-sezzjoni huma l-President, Vici President, Segretarju, u Segretarju Internazzjonali.

4. L-Ezekuttiv ghandu jinkludi zewg (2) membri minn kull sess, Sindku, Vici Sindku, *Minority Leader*, u Kunsillier minn Ghawdex. F'kaz ta' kontestazzjoni ghall-karigi tal-Ufficjali, dawn il-parametri ma japplikawx, u l-Ezekuttiv elett jista jahtar membri ohra sabiex jintlahqu dawn il-kriterji.

5. Il-hatra ta' Kunsillier ghall-Ezekuttiv tas-Sezzjoni ma tikwalifikahx bhala delegat ghal Konferenza.

6. L-Ufficjali u l-membri tal-Ezekuttiv tas-Sezzjoni Kunsilliera ghandhom jinhatru minn fost il-membri kollha tas-sezzjoni.

7. Fl-ewwel laqgha tal-Ezekuttiv tas-Sezzjoni ghandhom jinhtaru it-tmienja u sittin (68) delegat tal-Konferenza Generali. Kull Kunsill Lokali ghandu jkollu delegat wiehed, li jkun l-aktar persuna li gabet voti fl-ewwel ghadd f'isem il-Partit Laburista fil-lokal rispettiv. F'kaz li t-tali persuna tkun diga delegata, tinhatar it-tieni persuna li gabet l-aktar voti fl-ewwel ghadd. L-istess japplika jekk it-tieni persuna li gabet l-aktar voti fl-ewwel ghadd tkun delegata wkoll. Dan il-metodu jibqa' japplika ghall-kunsilliera kollha eletti fl-ewwel ghadd. F'kaz ta' lokalitajiet fejn il-kunsilliera jkunu kollha delegati minn strutturi ohrajn tal-Partit, ghandha ssir elezzjoni miftuha ghal kunsilliera kollha tal-Partit Laburista sa mhux aktar tard minn gimghatejn wara l-istess laqgha.

8. Is-Sezzjoni Kunsilliera ghandha kull sena tahtar 2 rapprezentanti fuq l-Ezekuttiv Nazzjonali tal-Partit Laburista u dan skont KAP VI tal-Istatut.

9. L-Ezekuttiv Nazzjonali japprova regolamenti ghall-elezzjonijiet tal-hatra tal-Ezekuttiv tal-Kunsilliera.

10. Id-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit ikun membru *ex-ufficio* tal-Ezekuttiv ta' din is-Sezzjoni filwaqt li l-President tal-Partit ikun mitlub li jattendi ghal-laqghat tal-Ezekuttiv tas-Sezzjoni.

11. Fil-laqghat tas-Sezzjoni ghandhom jigu diskussi l-hidma tal-Kunsilli Lokali, il-politika tal-Partit dwar il-Kunsilli Lokali u inizjattivi mis-Sezzjoni biex jintlahqu l-ghanijiet tal-Partit fir-rigward tal-Kunsilli Lokali.

12. L-Ezekuttiv tas-Sezzjoni ghandu jinhatar f'Laqgha Generali tas-Sezzjoni li ghandha ssir mhux aktar tard minn xahrejn wara l-elezzjonijiet ta' rawnd tal-Kunsilli Lokali.

13. Ghandu jkun hemm forum li jissejjah 'Forum tas-Sindki u *Minority Leaders'* li jiltaqa' regolarment sabiex jipproponi strategiji dwar l-operat u l-hidma tal-Kunsilli Lokali. Dan il-Forum ghandu jiltaqa' kull tliet xhur. Ikunu biss is-Sindki u l-*Minority Leaders* li jkollhom dritt tal-vot. Il-Vici Sindki jkollhom id-dritt jattendu minghajr vot. F'kaz li s-sindku ta' lokalita` ma jkunx jista' jattendi, il-Vici Sindku ta' dik il-lokalita` jkollu d-dritt tal-vot.

14. Is-Sezzjoni Kunsilliera ghandha l-fakultà li tlaqqa' l-Kunsilliera u s-Sindki ta' Ghawdex separatament.

15. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jifformula regolamenti ghat-thaddim ahjar tas-Sezzjoni.

16. Dawk il-Kunsilliera Laburisti li jkunu eletti fl-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, imma li ma jkunx mahtura delegati, ikollhom id-dritt li jattendu u jippartecipaw fil-Konferenza Generali minghajr il-jedd tal-vot.

**KAP XII**

**AMMINISTRAZZJONI DISTRETTWALI**

1. F'kull distrett elettorali ghandu jkun hemm Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali li jkun maghmul minn tliet (3) ufficjali li jkunu *Chairperson*, Kordinatur Distrettwali u Assistent Kordinatur Distrettwali flimkien mal-President, is-Segretarju u l-Kordinatur Hidma Politika ta' kull lokalita` jew rapprezentanti taghhom, li jaghmlu parti minn dak id-distrett.

2. Ic-*Chairperson* tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali jippresjedi l-laqghat tal-Kumitat. Fl-assenza tieghu, il-laqgha ghandha tkun preseduta mill-Assistent Kordinatur Distrettwali.

3. Il-Kordinatur Distrettwali ghandu r-responsabbilita` ta' Kordinament fid-distrett u li jaccerta li jitwettqu r-responsabbilitajiet kollha tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali. Huwa jirraprezenta lid-Distrett fl-Ezekuttiv Nazzjonali u jkun ta' mezz ta' kommunikazzjoni bejn id-distrett u l-Ezekuttiv Nazzjonali.

4. Il-Kordinatur Distrettwali jkun responsabbli mill-fondi li jghaddilu l-Ezekuttiv Nazzjonali ghall-hidma tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali u li taghhom ghandu jipprezenta rendikont finanzjarju mill-inqas darba fis-sena lill-Ezekuttiv Nazzjonali.

5. Ir-rapprezentanza legali tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali tkun vestita fil-Kordinatur Distrettwali flimkien ma' wiehed mill-ufficjali l-ohra, skont kif ikun deciz mill-istess Kumitat.

6. L-Assistent Kordinatur Distrettwali ghandu jassisti lill-Kordinatur Distrettwali fil-hidma tieghu.

7. L-Ufficjali tal-Kumitati tal-Amministrazzjoni Distrettwali ghandhom id-dmir li jiltaqghu bejniethom biex iwettqu x-xoghol tal-kumitat.

8. Il-Kordinatur Distrettwali ghandu jibghat Rapport ta' Hidma kull tliet xhur lill-Amministrazzjoni. Dan ir-rapport ghandu jinkludi wkoll Rapport ta' Hidma tal-Kumitati Lokali kollha tad-distrett.

9. Il-funzjonijiet tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali huma:

a) Il-kordinament tal-hidma politika tal-kumitati lokali f'kull aspett u dan partikolarment fil-kampanji politici fid-Distrett tieghu, skont id-direttivi moghtija lilu mill-Ezekuttiv Nazzjonali minn zmien ghal zmien;
b) Izomm kuntatt mad-Deputati u Kandidati tad-Distrett;
c) Jiehu sehem fil-hidmiet marbuta mall-process elettorali kif ikun mitlub mill-Kap tal-Ufficcju Elettorali;
d) Izomm kuntatt mall-Kumitati Lokali kollha tad-distrett billi jibghat rapprezentant fil-Laqgha tal-Kumitat Lokali;
e) Jaccerta li dawn il-Kumitati Lokali jahdmu b'mod effettiv;
f) Jaccerta li d-direttivi li johorgu mill-Ezekuttiv Nazzjonali jitwettqu;
g) Jirraporta regolarment dwar l-operat tieghu lis-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali;
h) Iressaq quddiem l-Ezekuttiv Nazzjonali mozzjonijiet u suggerimenti;
i) Iwettaq funzjonijiet ohra li minn zmien ghal zmien jafdalu mis-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali jew mill-Ezekuttiv Nazzjonali;
j) Jaccerta li jkun hemm kordinazzjoni fil-hidma bejn l-organi kollha tal-Partit f'dak id-distrett. Meta hekk mitlub mid-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit, ghandu jintervjeni biex jaccerta li jkun hemm kordinazzjoni bejn il-Kunsilliera Lokali f'dak id-distrett.

10.1 L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jipprovdi l-finanzi ghall-hidma tal-Kumitati ta' Amministrazzjoni Distrettwali.

10.2 B'kordinament mal-Kumitati Lokali, il-Kumitati tal-Amministrazzjoni Distrettwali jistghu jiehdu inizjattivi ghall-finanzjament ta' hidma fid-distrett.

10.3 Il-Kumitati tal-Amministrazzjoni Distrettwali ghandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Amministratur Finanzjarju qabel ma jiehdu inizjattivi ta' natura finanzjarja skont dan il-Kapitolu.

11. Ghandha ssir Laqgha Generali tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali mhux aktar tard mill-ewwel nofs ta' Marzu ta' kull sena.

12. Ghal din il-laqgha jattendu d-delegati tal-Konferenza mahtura mil-Laqghat Generali tal-Kumitati Lokali fid-distrett u jkollhom vot biex jelegu lill-ufficjali tal-Kumitat Distrettwali.

13. Din il-Laqgha Generali ghandha tiddiskuti u tapprova Rapport ta' Hidma tal-kordinatur Distrettwali nkluz ir-rapport finanzjarju.

14. Ghandha tissejjah Laqgha Generali Straordinarja tal-kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali fil-kaz ta':

- Rizenja ta' ufficjal tal-kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali; jew
- B'ordni tal-Ezekuttiv Nazzjonali.

**Regjun ta' Ghawdex**

1. L-Amministrazzjoni tar-Regjun ta' Ghawdex tkun maghmula minn Kumitat Regjonali maghmul minn hames (5) ufficjali li jkunu:

   I. *Chairperson*
   II. Kordinatur Regjonali
   III. Assistent Kordinatur Regjonali
   IV. Ufficjal ghall-Koordinament tal-Kumitati Lokali
   V. Ufficjal Hidma Politika Regjonali

   Il-Kumitat Regjonali ghandu jiltaqa' kull meta tinhass il-htiega izda mhux inqas minn darba kull xahar.

2. Il-President, Segretarju u Kordinatur Hidma Politika ta' kull lokalita` fir-regjun ta' Ghawdex ghandhom ikunu parti mill-kumitat regjonali.

3.1 L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jipprovdi l-finanzi ghall-hidma tal-Kumitat Regjonali.

4.1 B'koordinament mal-Kumitati Lokali, il-Kumitat Regjonali jista' jiehu inizjattivi ghall-finanzjament tal-hidma fir-regjun.

4.2 Il-Kumitat Regjonali ghandu jitlob l-approvazzjoni tal-Amministratur Finanzjarju qabel ma jiehu inizjattivi ta' natura finanzjarja skont dan il-Kapitolu.

5. Ghandha ssir Laqgha Generali tal-Kumitat Regjonali mhux aktar tard mill-ewwel nofs ta' Marzu ta' kull sena.

6. Ghal din il-laqgha jattendu l-membri tal-Kumitati kollha fir-Regjun u jkollhom vot biex jeleggu lill-ufficjali tal-kumitat regjonali, id-delegati regjonali u tliet delegati ghall-Konferenza Generali.

   Din il-laqgha Generali tiddiskuti u tapprova Rapport ta' Hidma tal-Kordinatur Regjonali.

7. Il-funzjonijiet tal-Kumitat Regjonali huma:

7.1 Il-kordinament tal-hidma politika tal-kumitati lokali f'kull aspett partikolarment fil-kampanji politici fir-regjun fuq id-direttivi kkomunikati lilu mill-Ezekuttiv Nazzjonali minn zmien ghal zmien;

7.2 Jiehu sehem fil-hidmiet konessi mal-process elettorali kif ikun mitlub mill-Kap tal-Ufficcju Elettorali;

7.3 Izomm kuntatt mal-Kumitat Lokali kollha tad-distrett billi jibghat rapprezentant fil-Laqgha tal-Kumitat Lokali;

7.4 Jara li dawn il-Kumitati Lokali jiffunzjonaw b'mod effettiv;

7.5 Jara li d-direttivi li johorgu mill-Ezekuttiv Nazzjonali jitwettqu;

7.6 Jirraporta regolarment dwar l-operat tieghu lis-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali;

7.7 Iressaq quddiem l-Ezekuttiv Nazzjonali mozzjonijiet u suggerimenti;

7.8 Jezercita` funzjonijiet ohra li minn zmien ghal zmien jigu fdati lilu mill-Ezekuttiv Nazzjonali;

7.9 Jaccerta li jkun hemm koordinazzjoni fil-hidma tal-Kunsilliera Lokali fir-Regjun;

7.10 Jorganizza laqghat ghall-kunsilliera fir-regjun, bejn id-delegati u membri tar-regjun mal-MEPs, kif ukoll ma' membri tal-Grupp Parlamentari dwar suggetti ta' interess;

7.11 Jiehu dawk il-passi mehtiega ghal ghan imsemmi f'paragrafu 4.1.

8. Ic-*Chairperson* tal-Kumitat Regjonali jippresjedi l-laqghat tal-Kumitat. Fl-assenza tieghu, il-laqgha ghandha titmexxa mill-Assistent Kordinatur Regjonali.

9. Il-Kordinatur Regjonali ghandu r-responsabbilita` tal-hidma ta' koordinament fir-regjun u li jaccerta li r-responsabbilitajiet tal-Kumitat Regjonali jitwettqu. Huwa jirrapprezenta r-regjun fl-Ezekuttiv Nazzjonali u jservi bhala l-mezz ta' komunikazzjoni bejn id-distrett u l-Ezekuttiv Nazzjonali.

10. Il-Kordinatur Regjonali jkun responsabbli mill-fondi mghoddija lilu mill-Ezekuttiv Nazzjonali ghat-tmexxija tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali u li taghhom ghandu jipprezenta rendikont finanzjarju darba fis-sena lill-Ezekuttiv Nazzjonali.

10.1 Ikun ukoll responsabbli mill-fondi migbura mill-Kumitat Regjonali.

11. L-Assistent Kordinatur Regjonali jghin lill-Kordinatur Regjonali fil-hidma tieghu. Dan l-ufficjal m'ghandux ikollu aktar minn hamsa u tletin (35) sena.

12. L-Ufficjal Hidma Politika Regjonali ghandu jikkoordina l-hidma tal-process elettorali fir-regjun kif ukoll jikkordina l-hidma bejn il-kumitati u l-kunsilliera fir-regjun.

13. L-Ufficjal ghall-Kordinament tal-Kumitati Lokali ghandu jara li l-kumitati lokali jilhqu l-ghanijiet taghhom.

14. Id-Deputati, il-Kandidati u l-Kumitati Lokali tar-Regjun huma fid-dmir li jikkoperaw mal-Kumitati Regjonali.

15. Ghandha tissejjah Laqgha Generali Straordinarja tal-Kumitat Regjonali fil-kaz ta':

a) Rizenja ta' ufficjal tal-kumitat tal-Amministrazzjoni tar-Regjun ta' Ghawdex;
b) B'ordni tal-Ezekuttiv Nazzjonali.

16. Ghandu jkun hemm Kungress Regjonali ghal Ghawdex bil-ghan li:

i) imexxi 'l quddiem l-istrategija politika ghal Ghawdex;
ii) johloq diskussjoni dwar din l-istrategija, japprova abbozz finali taghha u jipprezentah lill-Ezekuttiv Nazzjonali.

17. Il-Kungress Regjonali ghandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u jkun maghmul mill-ufficjali kollha ta' kull Kumitat Lokali f'Ghawdex, il-Membri Parlamentari eletti minn Ghawdex, il-Kunsilliera Lokali eletti f'Ghawdex, il-kandidati ghall-elezzjonijiet Generali u Lokali, u l-ufficjali tal-Ferghat f'Ghawdex ta' Nisa Laburisti, il-Forum Zghazagh Laburisti, u l-Ghaqda Veterani Laburisti.

**KAP XIII**

**<u>IL-KUMITATI LOKALI</u>**

1. Il-Kumitati Lokali ghandhom ikunu kostitwiti hekk kif Gej:

I. President
II. Segretarju
III. Kordinatur Hidma Politika
IV. Kaxxier
V. Ufficjal ghaz-Zghazagh
VI. Ufficjal ghan-Nisa
VII. Ufficjal ghall-Anzjani

1.1 L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jipproponi persuna ghall-kariga ta' Kordinatur Hidma Politika tal-Lokal lil-Laqgha Generali tal-lokal.

1.2 It-twaqqif ta' Kumitat Lokali f'xi lokalita` tista' ssir biss b'approvazzjoni tal-Ezekuttiv Nazzjonali.

1.3 Il-parametri li jaghmlu persuna eligibbli ghall-karigi Ufficjal ghaz-Zghazagh, Ufficjal ghan-Nisa, u Ufficjal ghall-Anzjani huma definiti f'KAP XVIII, Artikli 6.7, 6.8, u 6.9.

2. Il-funzjonijiet ta' kull Kumitat Lokali huma li:

2.1 Iservi bhala rapprezentant tal-Partit fil-lokal tieghu u ghalhekk ghandu jkun prezenti permezz t'attivitajiet pubblici;
2.2 Jiehu sehem fil-hidmiet dwar il-process elettorali kif ikun mitlub mill-Kap tal-Ufficcju Elettorali;
2.3 Iwettaq id-direttivi moghtija lilu mill-Ezekuttiv Nazzjonali;
2.4 Jahdem f'kooperazzjoni mal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali jew Regjonali u jimxi fuq id-direttivi tieghu;
2.5 Iwassal fil-lokal tieghu l-fehmiet tal-Partit biex ikabbar l-appogg popolari tal-Partit fost l-elettorat;
2.6 Jghin lill-Ezekuttiv Nazzjonali fl-ghazla tal-Kandidati prospettivi;
2.7 Jigbor u jsahhah is-shubija fil-Partit;
2.8 Ikun responsabbli mill-Amministrazzjoni tac-Centru Lokali tal-Partit.

3. Id-dmirijiet tal-Ufficjali tal-Kumitat huma:

3.1 Il-President imexxi l-laqghat tal-Kumitat. Flimkien mas-Segretarju u l-Kaxxier ikun responsabbli mill-Amministrazzjoni Finanzjarja tal-Kumitat Lokali;
3.1.1 Fin-nuqqas tal-President ghandu jinhatar *Chairperson* minn fost il-membri tal-Kumitat.

3.2 Is-Segretarju:

3.2.1. ikun responsabbli miz-zamma tal-minuti tal-Laqghat tal-Kumitat Lokali, minuti tal-Laqgha Generali tal-Kumitat Lokali u d-dokumenti tal-kumitat;
3.2.2 ikun responsabbli miz-zamma tal-ordni fic-Centru tal-Lokal u li jara li c-centru jkun immexxi skont il-ligiijiet vigenti;
3.2.3 Ghandu jikkomunika lis-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali r-Rapport ta' Hidma Amministrattiva u dik Finanzjarja tal-kumitat lokali;
3.2.4 Ghandu jaccerta li qabel mal-kumitat jaghmel kuntratti ma' terzi, ikollu l-approvazzjoni tal-Amministrazzjoni tal-Partit;
3.2.5 Flimkien mal-President u l-Kaxxier ikun responsabbli mill-Amministrazzjoni Finanzjarja tal-Kumitat Lokali;
3.2.6 Jipprezenta Rapport ta' Hidma lill-Konferenza Generali tal-Kumitat Lokali;
3.2.7 Jaccerta li l-Kumitat Lokali josserva kull direttiva li tinghatalu mill-Ezekuttiv Nazzjonali permezz tas-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali.

4. Il-Kaxxier flimkien mal-President u s-Segretarju huwa responsabbli mill-Amministrazzjoni Finanzjarja tal-Kumitat Lokali.

4.1 Ghandu jzomm rendikont dettaljat tal-finanzi u jipprezenta rapport lill-Konferenza Generali Annwali tal-Kumitat Lokali;

4.2 Izomm u jaggorna inventarju tal-Kumitat Lokali u tac-Centru Lokali;

4.3 Josserva kull direttiva li tinghatalu mill-ufficjal inkarigat mill-finanzi tal-Partit.

5. Il-Kordinatur Hidma Politika huwa responsabbli minn dan li gej:

5.1 Kordinazzjoni tal-Hidma kollha mehtiega fil-process elettorali kemm fl-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, fl-Elezzjoni ghall-Parlament Ewropew u l-Elezzjoni Generali.

5.2 Iwettaq kull direttiva ohra li tinghatalu mill-Amministrazzjoni jew l-Ezekuttiv Nazzjonali, jew il-Kap tal-Ufficju Elettorali.

5.3 Izomm kuntatt ma' ghaqdiet ohra fil-lokali.

6. Id-delegati allokati ghal dak il-lokal jigu kalkolati fuq in-numru ta' membri mhallsa sa l-ahhar ta' Dicembru tas-sena finanzjarja precedenti.

7. Id-delegati lokali jinhatru f'din l-ordni:

President, Segretarju, Koordinatur Politiku, Kaxxier, Ufficjal ghaz-Zghazagh, Ufficjal ghan-Nisa u Ufficjal ghall-Anzjani u maghhom numru ta' delegati li l-ewwel jinhatru minn fost il-membri ordinarji tal-Kumitat.

8. F'kaz illi xi Kumitat Lokali, ghal xi raguni jew ohra, ma jibqax jiffunzjona, il-fondi, il-propjeta` u d-dokumenti kollha ghandhom jghaddu fil-pussess tal-Amministrazzjoni tal-Partit. L-Amministrazzjoni tal-Partit ghandha tiehu hsieb ta' dawn l-affarijiet u jekk il-Kumitat Lokali jerga' jibda jiffunzjona, l-Amministrazzjoni tkun obbligata li tghaddi lura dawn l-oggetti sakemm ma jigix deciz mod iehor.

9. Ghandha tissejjah Laqgha Generali Straordinarja tal-Kumitat Lokali:

a. Fil-kaz ta' rizenja ta' ufficjal tal-kumitat lokali;
b. B'ordni tal-Ezekuttiv Nazzjonali.

10. Kumitat ghandu jkun maghmul b'mhux aktar minn tlettax (13)-il persuna u mhux inqas minn disa' (9) persuni liema numru jigi stabbilit milll-kumitat minn sena ghal sena. Din id-decizjoni tigi kkomunikata lill-membri kollha ta' dak il-lokal fl-avviz tal-Laqgha Generali Annwali.

11. L-Ezekuttiv Nazzjonali jista' ifassal regolamenti ohra ghall-hidma tal-Kumitat Lokali.

12. Id-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit ghandu jaghzel persuna jew persuni li ma jkunux kunsilliera, biex tizgura, jekk ikun il-kaz, il-koordinament bejn il-kumitat lokali u l-kunsilliera f'dak il-lokal fix-xoghol li jwettqu l-kunsilliera u bejn il-kunsilliera nfushom.

13. Il-Kumitat Lokali ghandu jsejjah Laqgha Generali Annwali u jsejjah elezzjonijiet ghall-Kumitat Lokali u ghad-delegati lokali mill-anqas darba fis-sena. Din il-laqgha u dawn l-elezzjonijiet ghandhom jissejhu bejn l-ewwel ta' Jannar u l-ahhar ta' Frar.

14. Ghal-Laqgha Generali tal-Kumitat Lokali jistghu jattendu d-Deputati Parlamentari eletti mid-Distrett li l-Lokal jkun jifforma parti minnu, il-Kandidati tal-istess distrett u l-Kunsilliera Lokali eletti f'dak il-lokal.

15. Id-Deputati Parlamentari ghandhom mal-hlas tas-shubija, jiddikjaraw f'liema lokalita` huma membri ghal fini tal-vot fil-Laqgha Generali.

**KAP XIV**

**<u>FERGHAT TAL-PARTIT</u>**

1. Il-Ferghat tal-Partit huma dawn li Gejjin:

   I. Forum Kandidati;
   II. Nisa Laburisti;
   III. Forum Zghazagh Laburisti; u
   IV. Ghaqda Veterani Laburisti.

**i. Forum Kandidati**

1. Kull kandidat approvat mill-Ezekuttiv Nazzjonali ghall-Elezzjoni Generali jew ghall-Elezzjoni tal-Parlament Ewropew isir membru tal-Forum Kandidati.

2. Il-kandidati li jkunu kkontestaw l-Elezzjoni Generali u tal-Parlament Ewropew mal-Partit, ikunu membri tal-Forum Kandidati sakemm ma jiddikjarawx li qed jirtiraw milli jkunu kandidati jew jiddekadu kif imsemmi aktar 'l isfel.

3. L-ghan ta' dan il-Forum huwa li kandidati jippartecipaw fit-tfassil tal-politika tal-Partit, jiddiskutu l-partecipazzjoni tal-kandidati fil-hidma tal-Partit, jorganizza attivitajiet biex iwassal il-messagg tal-Partit, kif ukoll jiehu passi ghat-tishih tal-hidma tal-kandidati fil-Partit.

4. Il-Forum ghandu jitmexxa minn *Chairperson* u Segretarju mahtura minn fost il-membri tieghu.

5. Id-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit, President u Vici President ikunu mistiedna ghal-laqghat tal-Forum.

6. Ic-*Chairperson* u s-Segretarju tal-Forum Kandidati jirrapprezentaw lill-Forum fuq l-Ezekuttiv Nazzjonali.

7. Il-Forum, sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Frar ta' kull sena ghandu jaghmel laqgha sabiex jahtar ic-*Chairperson* u s-Segretarju tieghu, kif ukoll hmistax (15)-il delegat ghall-Konferenza Generali tal-Partit.

8. Il-membri tal-Forum Kandidati, ghandhom il-jedd jippartecipaw fil-laqghat tal-Amministrazzjoni Distrettwali u tal-Kumitati Lokali izda ma jkollhomx id-dritt tal-vot.

9. L-agenti tal-kandidati ghall-elezzjonijet jigu maghzula mill-Ezekuttiv Nazzjonali jew minn min jaghtih delega l-Ezekuttiv Nazzjonali.

10. Membru tal-Forum ghandu jimxi mad-direttivi moghtija mill-Ezekuttiv Nazzjonali u josserva l-Kodici ta' Etika.

11. Il-Forum ghandu jiltaqa' mhux inqas minn darba fix-xahar.

12. Min ma jattendix ghal tliet laqghat tal-Forum Kandidati minghajr raGuni valida, jitlef postu minn dan il-Forum.
.

13. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jfassal regolamenti dwar il-hidma tal-Forum Kandidati kif wkoll ghall-elezzjonijiet ta' ufficjali tal-Forum Kandidati u tad-delegati mahtura ghan-nom tal-Forum.

**ii. Nisa Laburisti**

1. Nisa Laburisti hija fergha tal-Partit li tilqa' fiha l-membri nisa tal-Partit.

2. Din il-fergha ghandha jkollha statut taghha. Dan l-istatut ikun approvat mill-Laqgha Generali tal-fergha u ghandu jitqieghed ghall-approvazzjoni tal-Ezekuttiv Nazzjonali tal-Partit.

3 L-iskop ewlieni ta' din l-Ghaqda ghandu jkun li jsahhah u jsostni l-impenn tan-nisa fil-hidma politika tal-Partit.

**iii. Forum Zghazagh Laburisti**

1. Il-Forum Zghazagh Laburisti hija fergha tal-Partit ghall-membri tal-Partit li jkollhom l-eta` bejn is-sittax (16) u l-hamsa u tletin (35) sena.

2. Din il-fergha ghandha jkollha statut taghha liema statut ikun approvat mil-Laqgha Generali tal-fergha u ghandu jitqieghed ghall-approvazzjoni tal-Ezekuttiv Nazzjonali tal-Partit.

3. L-ghan ewlieni ta' din il-fergha huwa li theggeg u timpenja aktar zghazagh jaghtu kontribut politiku permezz ta' hidma fi hdan il-Partit Laburista.

**iv. Ghaqda Veterani Laburisti**

1. L-Ghaqda Veterani Laburisti hija fergha tal-Partit li tilqa' fiha dawk il-membri tal-Partit li jkollhom eta` mhux inqas minn sittin (60) sena.

2. Din il-fergha ghandha jkollha statut taghha liema statut ikun approvat mil-Laqgha Generali tal-fergha u li ghandu jitqieghed ghall-approvazzjoni tal-Ezekuttiv Nazzjonali tal-Partit.

3. L-ghan ewlieni ta' din il-fergha hija li theggeg u timpenja aktar anzjani jaghtu kontribut politiku permezz ta' hidma fi hdan il-Partit Laburista.

**KAP XV**

**<u>GHAZLA TA' KANDIDATI</u>**

**i. Kandidati ghall-Elezzjoni Generali**

1. Membru li jrid jikkontesta l-Elezzjoni Generali ghandu jimla' applikazzjoni fuq formola preskritta mill-Partit. Din l-applikazzjoni jkun fiha fost ohrajn taghrif Generali dwar l-applikant. L-applikazzjoni ghandha tkun iffirmata minn tliet delegati tal-Konferenza Generali.

2. Kull applikazzjoni ghandha tigi nnotifikata mis-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali lill-Amministrazzjoni tal-Partit.

3. L-Amministrazzjoni ghandha tahtar Kummissjoni biex tintervista lill-applikant u tirraporta lill-Amministrazzjoni dwar l-ghazla tal-kandidati.

4. Wara l-approvazzjoni tal-Amministrazzjoni, l-applikazzjoni ghandha titressaq ghall-approvazzjoni tal-Ezekuttiv Nazzjonali.

5. Is-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jhejji rapport li jinkludi taghrif dwar il-persuna kif ukoll ir-rapport tal-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni li tkun intervistat lill-applikant.

6. Ma jistghux jitressqu applikazzjonijiet ghall-Elezzjonijiet Generali ta' membri li sa sentejn qabel dawn l-Elezzjonijiet, okkupa jew qed jokkupa l-kariga ta' President, Vici President, Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali, Segretarju Internazzjonali, Segretarju Organizzattiv, *Chairperson* tal-Fondazzjoni, Amministratur Finanzjarju u Kap tal-Ufficcju Elettorali.

7. L-approvazzjoni ssir mill-Ezekuttiv Nazzjonali b'vot sigriet. Wara li l-applikant jigi approvat jitqies bhala Kandidat Ufficjali tal-Partit.

8. Id-decizjoni tal-Ezekuttiv tkun finali.

9. Hekk kif l-applikant jigi approvat, is-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jinforma b'mod ufficjali l-istrutturi koncernati tal-Partit.

**ii. Membri tal-Parlament Ewropew**

1. Kull membru tal-Partit li jrid jikkontesta bhala kandidat ghall-Elezzjoni tal-Parlamentari Ewropew f'isem il-Partit, ghandu jipprezenta personalment jew permezz ta' mandatarju tieghu, l-applikazzjoni preskritta mill-Partit ghand is-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali. Din l-applikazzjoni ghandha tigi pprezentata bejn il-hmistax (15) ta' Novembru sa mhux aktar tard minn l-ahhar ta' Novembru li jigi qabel l-Elezzjoni ghall-Parlament Ewropew. Kull applikazzjoni jrid ikun fiha tliet referenzi minn delegati tal-Partit.

2. Ma jistghux jitressqu applikazzjonijiet ghall-Elezzjoni ghall-Parlament Ewropew ta' membri li sa sentejn qabel dawn l-Elezzjonijiet, okkupaw jew qed jokkupaw l-kariga ta' President, Vici President, Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali, Segretarju Internazzjonali, Segretarju Organizzattiv, *Chairperson* tal-Fondazzjoni, Amministratur Finanzjarju u Kap tal-Ufficcju Elettorali.

3. Is-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu, b'mod immedjat, jaghti ricevuta lill-persuna li tkun ipprezentat l-applikazzjoni, kif inghad hawn fuq, ghall-Elezzjoni hawnekk imsemmija.

4. Is-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jgharraf lill-Amministrazzjoni bl-applikazzjonijiet li jkun ircieva. Min-naha taghha l-Amministrazzjoni tal-Partit ghandha tahtar kummissjoni biex tintervista lill-persuni li jkunu pprezentaw l-applikazzjoni taghhom kif inghad hawn fuq.

5. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu minn zmien ghal zmien jiddetermina n-numru ta' kandidati li jikkontestaw dawn l-elezzjonijiet f'isem il-Partit Laburista. L-Ezekuttiv ghandu jara li jkun hemm rapprezentanza xierqa ta' kandidati nisa, zghazagh u minn Ghawdex. Ghandu jkun hemm mhux inqas minn ghaxar (10) kandidati li jikkontestaw dawn l-Elezzjonijiet f'isem il-Partit Laburista.

6. Minkejja dak ipprovdut fl-Artikolu 1 ta' dan il-Kap, fil-kaz ta' applikant li jiddikjara li huwa ghandu r-residenza ordinarja f'Ghawdex, it-tliet delegati li jaghmlu r-referenza taghhom mal-applikazzjoni jridu jkunu delegati minn kumitati f'Ghawdex.

7. L-approvazzjoni tal-kandidati ssir mill-Ezekuttiv Nazzjonali permezz ta' vot sigriet.

8. Is-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jhejji rapport li jinkludi taghrif dwar il-persuna kif ukoll ir-rapport tal-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni li tkun intervistat lill-applikant.

9. Id-decizjoni tal-Ezekuttiv tkun finali.

10. Hekk kif l-applikant jigi approvat, is-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jinforma b'mod ufficjali l-istrutturi koncernati tal-Partit.

**iii. Kunsilliera Lokali**

1. Membru li jrid jikkontesta l-elezzjoni ta' Kunsill Lokali ghandu jimla' applikazzjoni fuq formola preskritta mill- Partit. Din l-applikazzjoni jkun fiha fost ohrajn taghrif generali dwar l-applikant kif jigi determinat minn zmien ghal zmien. L-applikazzjoni ghandha tkun iffirmata minn tliet delegati tal-Konferenza Generali. Il-formola ghandu jkollha r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Lokali koncernat, tal-Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali jew tal-Kumitat Regjonali skont ma jkun il-kaz.

2. Kull applikazzjoni ghandha tigi nnotifikata mid-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit lill-Amministrazzjoni tal-Partit.

3. L-Amministrazzjoni ghandha tahtar Kummissjoni biex tintervista lill-applikant u tirraporta lill-Amministrazzjoni dwar l-ghazla tal-kandidati.

4. Wara l-approvazzjoni tal-Amministrazzjoni, l-applikazzjoni ghandha titressaq ghall-approvazzjoni tal-Ezekuttiv Nazzjonali.

5. Id-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit ghandu jhejji rapport li jinkludi taghrif dwar il-persuna kif ukoll ir-rapport tal-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni li tkun intervistat lill-applikant.

6. L-approvazzjoni ssir mill-Ezekuttiv Nazzjonali b'vot sigriet. Wara li l-applikant jigi approvat jitqies bhala Kandidat ghall-Elezzjoni Kunsill Lokali f'isem il-Partit.

7. Id-decizjoni tal-Ezekuttiv tkun finali.

8. Hekk kif l-applikant jigi approvat, is-Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jinforma b'mod ufficjali l-istrutturi koncernati tal-Partit.

## KAP XVI

## GHAQDIET AFFILJATI

1. Ghaqdiet ohra li jkunu jhaddnu l-principji tal-Partit Laburista u li jkollhom il-membri taghhom li jkunu membri tal-Partit Laburista, fuq talba lill-Ezekuttiv Nazzjonali tal-Partit, jistghu jitqiesu bhala Ghaqdiet Affiljati tal-Partit.
2. Ghaqdiet Affiljati tal-Partit ghandhom id-dritt ta' tliet (3) delegati minn fost il-membri taghhom biex jirrapprezentaw lill-ghaqda taghhom fil-Konferenza Generali tal-Partit.
3. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jfassal regolamenti ghat-twettiq ta' dan il-kapitlu.

## KAP XVII

## RAPPREZENTANTI TAL-PARTIT BARRA MINN MALTA

1. L-Ezekuttiv Nazzjonali jista' jawtorizza t-twaqqif ta' kumitati rapprezentattivi tal-Partit barra minn Malta. Il-kumitat rappezentattiv ghandu l-jedd, li jahtar minn fost il-membri tal-kumitat, delegat ghall-Konferenza Generali.

## KAP XVIII

## REGOLAMENTI GHAL WAQT IL-VOTAZZJONI

**1. Hatra tal-Mexxej**

1.1 Il-hatra tal-Mexxej ghandha ssir kif gej:

1.1.1 Il-Kummissjoni Elettorali tilqa' nominazzjonijiet minn fost il-membri kollha tal-Partit, liema nominazzjonijiet jifthu sebat'ijiem qabel u jaghlqu hamest'ijiem qabel id-data tal-elezzjoni li tkun maghzula mill-Ezekuttiv Nazzjonali.

1.1.2 Il-proponent u s-sekondant iridu jkunu delegati tal-Konferenza Generali.

1.1.3 Kull nomina trid tkun iffirmata mill-Proponent u s-Sekondant u mill-membru propost u dawn ghandhom ikunu regolari fil-hlas tas-shubija.

1.1.4 Wara l-gheluq tan-nomini, jekk in-numru jkun ta' aktar minn tnejn (2), ghandha tissejjah Konferenza Generali biex taghzel tnejn (2) mill-kontestanti.

1.1.5 Iz-zewg kontestanti li jgibu l-aktar voti fil-votazzjoni fil-Konferenza Generali, ikunu z-zewg kontestanti li jitressqu ghall-elezzjoni fil-Kungress tal-Partit.

1.1.6 Illi l-Kungress tal-Partit ghandu jitlaqqa' mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata wara d-data tal-ghazla ta' zewg kontestanti mill-Konferenza Generali.

1.1.7 Fil-Kungress tal-Partit jippartecipaw dawk kollha elegibbli skont dan l-Istatut.

1.1.8 Jigi dikjarat Mexxej tal-Partit dak il-kontestant li l-aktar li jgib voti validi mixhuta fil-Kungress tal-Partit.

1.1.9 Fil-kaz illi jkun hemm nominazzjoni wahda biss, din titressaq ghal konferma quddiem il-Konferenza Generali u ssir b'vot sigriet.

1.1.10 Din il-konferma jehtieg li jkollha l-appogg ta' 50% + 1 tal-voti validi mixhuta.

**2. Hatra tad-Deputati Mexxejja**

**i. Deputat Mexxej Affarijiet tal-Parlament**

1. Il-Kummissjoni Elettorali ghandha tilqa' nomini ghad-Deputat Mexxej tal-Affarijiet tal-Parlament minn fost il-Membri Parlamentari, liema nominazzjonijiet jifthu sebat'ijiem qabel u jaghlqu hamest'ijiem qabel id-data tal-Konferenza Generali kif tkun stabbilita` mill-Ezekuttiv Nazzjonali.
2. In-nomina ghandha jkollha proponent u sekondant li jridu jkunu delegati tal-Konferenza Generali.
3. Kull nomina trid tkun iffirmata mill-Proponent u s-Sekondant u mill-membru propost u dawn ghandhom ikunu regolari fil-hlas tas-shubija.
4. L-elezzjoni tad-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Parlament issir mill-Konferenza Generali.
5. Il-kontestant li jakkwista l-maggoranza assoluta ta' 50% + 1 tal-voti validi mixhuta jigi dikjarat Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Parlament. Jekk dan ma jsehhx fl-ewwel votazzjoni, issir votazzjoni ohra fejn jiehdu sehem biss iz-zewg kontestanti li jkunu gabu l-akbar numru ta' voti fl-ewwel votazzjoni.
6. Fil-kaz illi jkun hemm nominazzjoni wahda biss, din titressaq ghal konferma quddiem il-Konferenza Generali u ssir b'vot sigriet.
7. Din il-konferma jehtieg li jkollha l-appogg ta' 50% + 1 tal-voti validi mixhuta.

**ii. Id-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit**

1. Il-Kummissjoni Elettorali tilqa' nomini ghad-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit mill-membri tal-Partit li ma jkunux Membri tal-Grupp Parlamentari. In-nominazzjonijiet jifthu sebat'ijiem qabel u jaghlqu hamest'ijiem qabel id-data tal-Konferenza Generali li tkun stabbilita mill-Konferenza Generali.
2. Il-proponent u sekondant iridu jkunu delegati tal-Konferenza Generali.
3. Kull nomina trid tkun iffirmata mill-Proponent u s-Sekondant u mill-membru propost u dawn ghandhom ikunu regolari fil-hlas tas-shubija.
4. L-elezzjoni tad-Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit issir mill-Konferenza Generali.
5. Il-kontestant li jakkwista l-maggoranza assoluta ta' 50% H 1 tal-voti validi jiGi dikjarat bhala Deputat Mexxej ghall-Affarijiet tal-Partit. Jekk dan ma jsehhx fl-ewwel votazzjoni, issir votazzjoni ohra fejn jiehdu sehem biss iz-zewg kontestanti li jkunu gabu l-akbar numru ta' voti fl-ewwel votazzjoni.
6. Fil-kaz illi jkun hemm nominazzjoni wahda biss, din titressaq ghal konferma quddiem il-Konferenza Generali u ssir b'vot sigriet.
7. Din il-konferma jehtieg li jkollha l-appogg ta' 50% + 1 tal-voti validi mixhuta.

**3 Amministrazzjoni tal-Partit u Membri Ordinarji tal-Ezekuttiv Nazzjonali**

3.1 L-elezzjoni ghal hatra tal-President, Vici President, Segretarju Organizzattiv, Segretarju Internazzjonali u tnax-il Membru Ordinarji ssir b'dan il-mod:

3.1.2 Il-Kummissjoni Elettorali ghandha tilqa' nomini mill-membri tal-Partit kemm ghall-Ufficjali msemmija, kif ukoll ghall-Membri Ordinarji tal-Ezekuttiv Nazzjonali.

3.1.3 Kull nomina tirreferi biss ghall-kariga msemmija fiha. L-istess persuna tista' tigi nominata ghal aktar minn kariga wahda.

3.1.4 In-nomina ghandu jkollha proponent u sekondant li jridu jkunu delegati tal-Konferenza Generali.

3.1.5 Kull nomina trid tkun iffirmata minn Proponent, Sekondant u mill-Membru Propost u dawn ghandhom ikunu regolari fil-hlas tas-shubija.

3.1.6 Impjegati *full-time* tal-Partit Laburista ma jistghux jigu nominati.

3.1.7 Membri tal-Grupp Parlamentari, ma jistghux jigu nominati ghal President, Vici President, Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali, Segretarju Internazzjonali, Segretarju Organizzattiv u Membri Ordinarji tal-Ezekuttiv.

3.1.8 In-nominazzjonijiet ghall-Membri Ufficjali u l-Membri Ordinarji tal-Ezekuttiv Nazzjonali jaghlqu mhux anqas minn hmistax-il gurnata qabel id-data tal-Konferenza Generali. Id-data tal-ftuh tan-nominazzjonijiet jigu decizi mill-Ezekuttiv Nazzjonali.

3.1.9 In-nomini jigu approvati mill-Ezekuttiv Nazzjonali wara li l-Kummissjoni Elettorali taghmel ir-rikomandazzjonijiet taghha. Il-lista tal-kontestanti kollha ghandha tigi ppublikata mill-anqas hamest' (5) ijiem qabel il-laqgha tal-Konferenza Generali.

3.1.10 Il-membri kollha jigu mahtura skont in-numru ta' voti li jgibu. F'kaz ta' numru ta' voti ndaqs, ghall-ahhar postijiet tal-Membri ordinarji, biex jaghlaq in-numru ghall-Ezekuttiv Nazzjonali, terGa' ssir elezzjoni parzjali.

## 4 Kummissjoni Elettorali

Ghandha tinhatar Kummissjoni Elettorali ghal perjodu ta' sena b'dan il-mod:

4.1 Fi zmien ghaxart'ijiem tax-xoghol, wara li jigu eletti l-Ufficjali tal-Kumitati tal-Amministrazzjoni Distrettwali u l-Ufficjali tal-Kumitat Regjonali ghal Ghawdex, ghandha ssir laqgha li fiha jippartecipaw ic-*Chairperson* u l-Kordinatur Distrettwali minn kull Kumitat tal-Amministrazzjoni Distrettwali u c-*Chairperson* u l-Kordinatur Regjonali. Il-Kummissjoni tkun tinkludi wkoll rapprezentant minn kull fergha tal-Partit Laburista.

4.2 Illi fl-ewwel laqgha l-ufficjali msemmija fil-paragrafu precedenti, jiehdu l-kariga ta' Assistent Kummissarju Elettorali fil-Kummissjoni Elettorali tal-Partit.

4.3 Minn fost l-Assistenti Kummissarji jinhatru ghal terminu ta' sena, hames (5) Kummissarji Elettorali.

4.4 Illi l-Kummissarji Elettorali jkunu responsabbli mit-tmexxija tal-Kummissjoni Elettorali.

4.5 Il-Kummissarji Elettorali jahtru *Chairperson* u Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali.

4.6 Illi ebda Kummissarju Elettorali ma jista' jservi f'din il-kariga ghal aktar minn tliet snin konseguttivi.

4.7 F'kaz li l-Kummissarju Elettorali iservi ghal tliet perjodi ta' sena konsekuttivi, in-nomina tieghu ghal din il-kariga ma tkunx tista' tigi pprezentata sakemm ma tghaddix tal-inqas sena mill-ahhar darba li huwa serva f'din il-kariga.

4.8 Il-Kummissjoni Elettorali tkun responsabbli mit-tmexxija tal-Elezzjonijiet kollha li jaqghu taht il-Konferenza Generali kif ukoll fil-Kungress Nazzjonali, inkluz l-elezzjonijiet tal-ferghat u s-

sezzjonijiet tal-Partit. Ghal dan l-iskop, ghandha tressaq proposti ghal regolamenti li jigu approvati, mibdula jew emendati mill-Ezekuttiv Nazzjonali.

4.9 Il-Kummissjoni Elettorali ghandha taqdi dawk id-dmirijiet kollha li jiddelegalha l-Ezekuttiv Nazzjonali.

4.10 Fit-twettiq tal-hidma taghha, l-Kumissjoni Elettorali tista' titlob l-ghajnuna ta' dawk il-membri tal-Partit skont ma jkun mehtieg.

4.11 Il-votazzjonijiet ghandhom ikunu mifruxa fuq ta' l-inqas tliet sieghat kontinwi.

4.12 Il-Kummissjoni Elettorali hija responsabbli mill-ghadd tal-voti.

4.13 Jekk ma jkunx hemm aktar minn nomina wahda ghal xi kariga, l-elezzjoni ma ssirx.

4.14 Ir-rizultat tal-elezzjoni ghandu jinqara qabel l-gheluq tal-Konferenza Generali.

4.15 Ir-regolamenti tal-elezzjoni ghandhom jigu spjegati lil kull kontestant.

4.16 Il-Kummissjoni Elettorali, bl-approvazzjoni tal-Ezekuttiv Nazzjonali, tista' tfassal regolamenti ohra ghat-tmexxija ahjar tal-elezzjonijiet ghall-karigi imsemmija fis-Sezzjonijiet 1, 2 u 3 ta' dan il-Kap.

4.17 Il-votazzjonijiet ta' l-elezzjonijiet kollha jsiru bil-prezentazzjoni ta' dokument ufficjali t'identifikazzjoni viziva.

**5 Elezzjonijiet Ufficjali Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali u Kumitat tar-Regjun.**

5.1. L-Ufficjali tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali jew tal-Kumitat tar-Regjun ghandhom jigu eletti minn fost il-membri tal-Partit fil-lokalitajiet li jiffurmaw dak id-distrett.

5.2. Id-delegati eletti mil-lokalitajiet li jaghmlu parti mid-distrett jew mir-regjun ikunu elegibbli jivvotaw fl-ghazla tal-Ufficjali tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali jew il-Kumitat Regjonali.

5.3. In-nomina ghandha jkollha proponent u sekondant li jridu jkunu delegati f'lokalita` f'dak id-distrett.

5.4. Kull nomina trid tkun iffirmata mill-Proponent u s-Sekondant u mill-membru propost u dawn ghandhom ikunu regolari fil-hlas tas-shubija.

5.5. In-nomina ta' Membri tal-Grupp Parlamentari, Forum Kandidati u membri tal-Kumitati Lokali ghal Ufficjali tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali jew Kumitat tar-Regjun ma tistax tigi milqugha.

5.6. Ebda nomina ta' persuna li tkun serviet il-kariga ghall-ghaxar (10) snin konsekuttivi ma ghandha tigi accettata, jekk ma jghaddix perjodu ta' sena (1) mill-ahhar li tkun serviet f'dik il-kariga.

5.7. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jfassal regolamenti ghat-thaddim u tmexxija ahjar tal-elezzjonijiet tal-Ufficjali tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni Distrettwali u l-Kumitat ReGjonali.

5.8. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jfassal regolamenti ghall-elezzjoni tad-delegati regjonali.

5.9. L-Amministrazzjoni Distrettwali ghandha tipproponi lista ta' persuni biex ikunu elegibbli ghal din l-elezzjoni minn fost il-membri tal-Partit f'dak id-distrett wara sejha minn fost l-istess membri u dan wara konsultazzjoni mal-Ezekuttiv Nazzjonali.

**6. Elezzjonijiet Kumitati Lokali**

6.1 L-Ufficjali u l-Membri tal-Kumitat Lokali ghandhom jigu eletti minn fost il-membri tal-Partit f'dak il-lokal.

6.2. Il-Membri tal-Partit miktuba f'dak il-lokal, ikunu elegibbli jivvotaw ghall-ghazla tal-Ufficjali u tal-Membri tal-Kumitat Lokali.

6.3. In-nomina ghandu jkollha proponent u sekondant li jridu jkunu membri f'dak il-lokal.

6.4. Kull nomina trid tkun iffirmata mill-Proponent u s-Sekondant u mill-membru propost u dawn ghandhom ikunu regolari fil-hlas tas-shubija.

6.5. In-nomina ta' Membri tal-Grupp Parlamentari u Forum Kandidati ghall-Ufficjali u Membri tal-Kumitat Lokali ma tistax tigi milqugha.

6.6. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jfassal regolamenti ghat-thaddim u tmexxija tal-elezzjonijiet tal-Ufficjali u l-Membri tal-Kumitati Lokali.

6.7. In-nomini ghall-Ufficjali ghaz-Zghazagh jintlaqghu biss, minn fost il-membri li ghandhom sa hamsa u tletin (35) sena. Huma eligbbli biex jivvutaw ghal din il-kariga, il-membri li ghandhom inqas minn hamsa u tletin (35) sena.

6.8. In-nomini ghall-Ufficjal ghan-Nisa jintlaqghu minn fost il-membri nisa fil-lokal. Huma eligibbli biex jivvutaw ghal din il-kariga l-membri nisa.

6.9. In-nomini ghall-Ufficjal ghall-Anzjani jintlaqghu minn fost il-membri ta' aktar minn sittin (60) sena. Huma elegibbli biex jivvutaw ghal din il-kariga l-membri li ghandhom aktar minn sittin (60) sena.

**KAP XIX**

**KODICI TA' ETIKA U DIXXIPLINA**

1. L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jfassal u jippubblika Kodici ta' Etika u Dixxiplina li jorbot lil kull membru tal-Partit Laburista.

2. Il-Kodici ta' Etika u Dixxiplina ghandu jservi biex dawk kollha li jaghtu servizz u hidma fi hdan il-Partit Laburista, jaghtuh bl-ahjar mod possibbli.

3. Dan il-Kodici jista' jigi rivedut mill-Ezekuttiv Nazzjonali mhux aktar minn darba kull tnax-il xahar.

4. Il-Kodici ghandu jistabbilixxi dawk il-proceduri kollha mehtiega ghall-applikazzjoni tieghu fost il-membri tal-Partit u l-istrutturi kollha tieghu.

5. Il-Kodici ghandu jispecifika t-termini fil-proceduri kollha.

6. Fil-proceduri kollha ta' dixxiplina ghandhom jigu osservati u applikati l-principji ta' gustizzja naturali.

**KAP XX FONDAZZJONI**

L-Ezekuttiv Nazzjonali ghandu jfassal statut ghat-twaqqif ta' fondazzjoni g hall-iskop ta' studju, analizi u zvilupp ta' politika. Il-Fondazzjoni ghandha tfassal u thaddem programmi edukattivi, kulturali u sportivi. L -Ezekuttiv Nazzjonali minn zmien ghal zmien jista' jiddelega jew ifassal hidmiet ohra ghal din il-Fondazzjoni.

## KAP XXI GENERALI

1. Meta tinqala' xi kwistjoni li dwarha dan l-Istatut ma jsemmi xejn, din ghandha tigi deciza mill-maggoranza tal-membri prezenti jew mill-Konferenza Generali kif ukoll fl-Ezekuttiv Nazzjonali.

2. L-interpretazzjoni ta' dan l-Istatut, fejn dan mhux car, jaghtiha l-President fl-Ezekuttiv Nazzjonali, u c-*Chairperson* fil-Konferenza Generali, skont liema laqgha tkun.

3. Is-sena Amministrattiva/Finanzjajra tal-Partit tibda fl-1 ta' Jannar.

4. Ir-rapprezentanza Guridika tal-Partit tkun vestita fi tnejn minn dawn: Mexxej, President tal-Partit, Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali u l-Amministratur Finanzjarju.

   L-Amministrazzjoni tal-Partit tista' tahtar wiehed jew aktar, mill-Ufficjali l-ohra tal-Partit, jew mill-Membri tal-Ezekuttiv Nazzjonali, biex jidhru bhala rapprezentanza tal-Partit fi proceduri gudizzjarji, fuq xi kuntratt, kitba, skrittura jew affarijiet ohra.

5. Ghall-ahjar twettiq tal-ghanijiet tieghu, l-Partit jista', fuq decizjoni tal-Ezekuttiv Nazzjonali, jidhol ghal kwalunkwe` xorta ta' kuntratt u/jew obbligu, konformi mal-Ligijiet tal-Pajjiz.

6. Sakemm ma jkunx imfisser mod iehor, kull kelma fil-maskil f'dan l-Istatut ghandha titqies li tirreferi ghal femminil ukoll.

7. Il-Partit Laburista huwa persuna guridika wahda u l-Kumitati Lokali, Distrettwali tar-Regjun u l-Ferghat huma parti integrali minn din il-persuna guridika u ghandha topera skont dan l-Istatut.

8. It-tifsira tat-termini 'regolari fil-hlas tas-shubija' ifisser li l-membru rispettiv ikollu s-shubija mhallsa sal-31 ta' Dicembru tas-sena finanzjarja precedenti.